MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1898/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Alpha Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm103.50), u fejn intqal:**
**Illi s-socjeta` Maltacom plc ipprovdiet lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru, 1998 u t-30 t'April, 2001;**
**Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas is-somma ta' mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm103.50) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avviz legali 219 u 220 ta' l-1998), u dan**

**nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Dicembru, 2001 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' l-Inginier Joseph Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi l-Inginier Joseph Agius ikkonferma l-procedura adottata dwar "type approval" pero` ma qalx jekk f'dan il-kaz kienx sar tassew "type approval" kif rikjest, ghalkemm esebixxa l-invoices fir-rigward.**
**2. It-Tribunal innota li l-konvenut ma ressaqx provi fir-rigward.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm103.50) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-31 ta' Dicembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Dicembru, 2001, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**